# IL-ĠIFEN TORK
ta'
Gian. Ant. Vassallo

Studju
ta'
V. M. Pellegrini

Dan l-aħħar, bħalma ħafna drabi jiġrili, kont qiegħed inqalleb il-kollezzjoni tal-Melitensia, li bil-mod il-mod qiegħed niġbor, u fost kotba oħra ġie f'idejja ktejjeb li ħsibtu bit-Taljan billi l-frontespizju tiegħu u l-introduzzjoni huma bit-Taljan. Iżda kif bdejt inqalleb il-folji sibt li l-ġabra ta' poeżiji li kellu kienu kollha bil-Malti.

Dan il-ktieb kien "Poesie Maltesi ad uso delle scuole Primarie," it-tielet edizzjoni, stampat fit-tipografija ta' F. Cumbo fl-1873. L-introduzzjoni, iffirmata P.P., bid-data 15 ta' Ottubru 1852 (billi l-ewwel edizzjoni kienet stampata fl-1853) u minnha jidher sewwea l-iskop tal-kompilatur li ried jagħti lit-tfal tal-iskejjel primarji tal-1853, ġabra ta' poeżija imqassma f'erba' partijiet: l-ewwel waħda għażla ta' *"poeżiji Sagri"* miktuba mis-Saċerdot Don Lodovico Mifsud Tommasi: it-tieni waħda, ġabra ta' *"poeżiji morali"* it-tielet *"poeżiji varji"* it-tnejn ta' Dott. Gio Antonio Vassallo u r-raba' parti l-poema Erojku ta' l-istess Vassallo, *"Il-Ġifen Tork"*.

Billi kont ili ma naqra xogħlijiet ta' Vassallo u billi dan l-aħħar stampajt Poema Epiku imsejjaħ *"L'Epopea ta' Ġensna"* ġietni l-kurżita' li nerġa naqra il-Poema Erojku, "Ġifen Tork" u b'hekk pass wara l-ieħor spiċċajt biex ktibt dan l-apprezzament fuqu.

Nibda biex ingħid li l-ortografija ta' din l-Edizzjoni ma taqbel xejn ma' dik ta' l-Akkademja tal-Malti u bir-raġun kollu, għax hi dik ta' l-Akkademja Filoloġika li twaqqfet fl-1843. Dari fi żmien tfuliti meta qrajt għall-ewwel darba "Il-Ġifen Tork" dan ma fixkilni xejn għax allura kont iktar imdorri naqra b'Malti miktub bit-Taljan milli bil-Malti ta' llum, iżda issa, biex ingħid is-sewwa, napprezza iktar l-ortografija ta' l-Għaqda, li nsibha aktar mexxejja u aktar raġunata. Għalhekk ma naqbilx mal-kundanna li Ġużè Cassar Pullicino għamel lill-kontemporanji ta' Ġian Anton Vassallo meta qal "Spirtu ta' egoiżmu mnissel minn preġudizzji qodma kien jherri l-qlub ta' l-aħjar elementi fost il-Maltin li setgħu, bi ftit rieda tajba, jerfgħu lill-poplu bit-tagħlim u bil-kitba."

Din kundanna barra minn lokha u xejn ġusta, għax ċerti riflessjonijiet wieħed irid jagħmilhom mhux fuq il-bażi ta' żmienu, iżda fl-ambjent ta' min għex fl-Epoka li għaliha wieħed ikun qiegħed jirriferixxi. Il-fatt stess li Ġian Anton Vassallo ċanfar lil sħabu fuq hekk, juri biżżejjed li l-kuxjenza Nazzjonali kienet qiegħda tinbet, iżda ħadd ma jista' jlum lil min, fil-fehma tiegħu, kien konvint li l-poplu Malti

kont tista' terfgħu u tedukah anke billi tgħallmu b'lingwa kulturali flok b'dik popolari, illum nazzjonali.

Iż-żminijiet jitbiddlu u l-popli jinbidlu magħhom u l-iżvilupp ta' Nazzjon ma jistax bid-daqqa tal-mazza, iżda qajla qajla mal-milja taż-żmien, bil-għaqal u b'ħafna prudenza.

Gian Anton Vassallo għamel sewwa li ġġieled għal u ddefenda ilsien art twelidu u għal daqshekk ii Missier il-Letteratura Maltija, Ġużè Muscat Azzopardi, kien iħobb isejjaħlu l-Patrijarka tal-Poeżija Maltija. Naraw għalhekk x'tana Vassallo fih "Il-Ġifen Tork."

Dal - poema, Vassallo kitbu fl-1842, u stampah għall - ewwel darba fl-1853. Fl-edizzjoni tal-1855 insibu miktub li Vassallo kien kitbu bħala esperiment biex jara jekk il-Malti kienx joqgħod ukoll daqshekk tajjeb fil-vers endekasillabu taljan, kif fil-versi qosra l-oħra li bihom kienet tinkiteb l-aktar il-poeżija bil-Malti. Għalhekk ma jistax ikun li f'biċċa xogħol bħal din, miktuba minn ġuvnott ta' ħamsa u għoxrin sena ma nsibux difetti u imperfezzjonijiet. Dan tennieh l-editur tal-1855 biex seta' jasal għall-konklużjoni li għalkemm b'dawn id-difetti kollha, jibqa' l-fatt li l-Malti kellu biżżejjed enerġija u qawwa fih li bihom seta' jitlibbes suġġett epiku bħal dak magħżul minn Vassallo.

U Vassallo ma tqarraqx, għax meta qrah hu stess quddiem l-Akkademja Filoloġika, għamel figura tajba u ħalla impressjoni siewja, forsi iżjed milli aħna stess nistgħu nieħdu llum, għar-raġuni li ħafna millarmonija ta' xogħol poetiku hi bażata fuq l-elizjonijiet tal-kliem wżat u li mhux dejjem jaqblu mal-mod kif wieħed jaqra dak ix-xogħol.

Il-poema ta' Vassallo hu mqassam fi tliet partijiet. L-ewwel taqsima turina kif ilsiera Maltin fuq ġifen Tork, ma felħux iżjed għattbatijiet tal-qagħda tagħhom, u kif meta l-ixjeħ fosthom wegħedhom il-ħelsien, hu ġegħelhom jagħmlu wegħda lill-Madonna li jmorru jżuruha u jiżżuha ħajr fis-Santwarju tal-Mellieħa, imxekkla f'xi katina jew mar-riġel jew ma' l-għonq jew mad-driegħ.

It-Tieni taqsima tpinġilna t-taqtigħa li saret bejn il-Maltin u t-Torok fuq il-Ġifen, u kif il-Maltin ħarġu rebbieħa. It-tielet taqsima turina l-ferħ tal-ilsiera u ta' qrabathom x'ħin waslu fuq gżirithom u kif wettqu il-wegħda li kienu għamlu lill-Madonna, billi jmorru jżuruha f'pellegrinaġġ mmexxi mir-Raheb Rosignoli.

Jidher ċar li d-denominazzjoni ta' "Poema Eroico", li Gian Anton Vassallo ta lil din il-kitba tiegħu, hi xi ftit esaġerata, għax fil-fatt il-poema ma jittrattax ħlief episodju wieħed u fit-trattament ta' dan l-episodju hemm aktar kliem milli azzjoni, iktar kummenti u riflessjonijiet milli ġrajja, iktar sens reliġjuż milli erojku.

Difatti b'poema Erojku, nifhmu xogħlijiet bħal *"Enejde"* l-

*"Illiade,"* l - *"Odissea"* il - *"Gerusalemme Liberata"* il - *"Cristiade"* u xogħlijiet oħra kbar bħal dawn. F'Il-*Ġifen Tork*" għandna biss azzjoni erojka waħda, imwettqa minn ċorma bla ebda sinjal ta' eroiżmu individwali; u għalhekk, jiena naħseb li fit-terminoloġija "Poema Eroico" Vassallo rieq aktarx juri l-metru kif użat fil-poemi erojċi, milli s-suġġett fih innifsu u dan tant hu hekk li fil-daħla ta' l-ewwel edizzjoni, kif diġa' għendna, l-esperiment ta' Vassallo hu muri espressament bħala li għandu x'jaqsam mal-metrika u mhux mal-materja.

It-tfassil tas-suġġett hu tabilħaqq dak poema eroiku, u bla dubju ta' xejn Vassallo kellu quddiemu bħala xenarju "Gerusalemme Libertà" ta' Torquato Tasso. Difatti l-istess ġrajja turi l-ġlieda sekolari bejn it-Torok u l-Insara; il-fidwa tal-qabar ta' Kristu, li ġiebet magħha għal żmien twil, il-ġlied tal-Kruċjati, u iżjed tard, dak bejn il-Kavallieri ta' San Ġwann u l-qawwiet Ottomani. Ġużè Cassar Pullicino jinfurmana, skond kif kien qallu Ġużè Gatt, li qabel "il-*Ġifen Tork*" ta' Vassallo kienet dehret hawn Malta poeżija bit-Taljan fuq l-istess suġġett, imsejħa "Per la Sollevazione e Conquista, fatta dai Cristiani, della Primaria del Gran Signore, nomata "La Corona Ottomana" ancorata nella Rada di Stanciò", poeżija li skond l-istess Ġużè Gatt aktarx li kienet tal-poeta ftit magħruf, Nicolo' Muscat, u b'hekk inkomplu nsostnu l-fehma tagħna li Vassallo ried jesperimenta bil-vers u mhux speċifikatament bis-suġġett.

U versi sbieħ, f' "Il-*Ġifen Tork* niltaqgħu magħhom ta' sikwit; versi imqanżħa ma jonqsux, iżda l-kompless hu xogħol sabiħ li poġġut filgwarniċ ta' żmienu jagħmel unur lil min kitbu, lill-ilsien li bih inkitbet lill-pajjiż li welldu.

Nisiltu issa xi strofi mill-poema biex intiegħmu l-benna ta' dawn il-versi ġodda fil-Malti, blanzuni li għadhom ifewħu sa llum u nibdew bil-kliem tax-Xiħ, li nistgħu nikkonsidrawh bħala l-eroj talġrajja:-

14. L-aħwa, il-kefrin hawn taħt xejn ma jarawna,
Nixtieq li minna lkoll darba tissielem
Omm Alla. — Iva! — Kulħadd rabat idejh,
u x-Xiħ beda it-tislima għarrkubbtejh.

15 Bħalu l-Oħrajn, u talbu minn ġo qalbhom,
U wieġbu b'wiċċhom fl-art għal-latanija:
f'taħbit il-Knisja kien ifakkrek talbhom,
Meta l-insara ġo l-għerien moħbija,
Iweġġħu kienu 'l Alla biex l-għedewwa
Ma jaqbduhom jitolbu 'l Alla is-sewwa.

Qajl, qajl, il-ġrajja tiżvolġi ruħha b'xejra drammatika; għal kliem tax-xiħ iwieġeb wieħed mill-imjassra:-

19 Malli dal-kliem tkellem ix-xiħ, fuq sidru
Reġa' xeħitha rasu, u l-ilsiera marru'
Matul is-saff tal-Ġifen, kienu jidhru
Ħosbenin kollha kliem ix-xiħ jixtarru:
Fl-aħħar wieħed imjassar lix-xiħ liem
Għaliex ma jiftaħ kif imissu l-kliem.

20 Ja l-ixjeħ fostna, qallu, f'dan il-jasar,
Għaliex ma tiftaħ sewwa qalbek magħna?
Flimkien ilsiera ġo Istambul fil-Masar (l-Eġittu)
Żammejniek dejjem bħala missier tagħna;
li ħsiebek turi hawn kulħadd irid,
Nafu li inti titħaddet biss għal ġid —

u jerġa' jfendi x-xiħ.

21 Ja uliedi, reġa' lilhom qal ix-xwejjaħ
ili f'dal jasar dwar il-għoxrin sena
u daqs hekk ieħor l-għajnuna insejjaħ
ili tas-sema, u minnu nitma l-hena:
Magħkom ser niftaħ qalbi, kliemi isimgħu
Jekk mill-ħadid tibqgħu ħelsien titimaw.

22 Illi aħna rġiel jien naf, u għalenja,
Le mhux biżżejjed, mhux biżżejjed dana;
Illi aħna rġiel nagħtu jenħtieġ turija
Ġo sider qawwi Alla qalb kbira tana:
Ħsiebi jien f'kelma waħda ser infissru, —
Jew mewt ikollna, jew 'l kulħadd inkissru!

Il-poeta issa jġibilna quddiemna, b'sens realistiku, ix-xena tal-għoti ta' l-ikel, biex jurina iżjed il-qlubija tal-Maltin, li, qabel jiftiehmu sewwa, ma jridux jitrejqu, u wara li x-xiħ poġġa quddiemhom il-proġett tiegħu li fuqu waslu għal ftehima u l-għaqda, għamlu l-wegħda li kellha tkun bħala s-siġill ta' l-irġulija.

34 Imbagħad ġew għal wegħda, u kienet dina:
(Weġibha x-xiħ u wieġbu kollha miegħu)
Illi kulħadd, imxikkel b'xi katina,

Jew ma' riġlu, jew ma' għonqu, jew ma' driegħu,
Għandu jmur il-Mellieħa; imbagħad ried
Li jwieġbu xi kelmtejn għal dal-kelmiet.

— Ja Madonna tal-Mellieħa,
Isma' t-talb tal-imjasrin,
Li neħilsu minn dal-jasar
Itlob 'l ibnek il-Ħanin!

— Agħmel int, għal ħniena tiegħek,
li Aħna nibqgħu rebbiħin!

— Ħadd għal xejn Lilek ma talab,
Ġmiel u hena tas-Smewwiet!
Quddiem Alla ja Marija,
Kelma tiegħek dejjem swiet.

— Lil min b'qalbu talab lilek
It-thennija dejjem ġiet.

— Int reġġagħna ġewwa Malta,
Bint Sant'Anna, u Omm Ħanina
Biex inkissru dawn il-ktajjen
Saħħa, qalb u qawwa 'tina'.

— Biex neħilsu min dal-jasar
Inti biss trid tkun għalina!

— Il-ħalib tal-Ħniena tiegħek
Dejjem xtered għal miskin,
Qatra minnu biss jixtiequ
Fuq irjushom l-imjassrin!

— Qatra minnu tkun biżżejjed
Biex inkunu meħlusin!

U b'din it-talba ħerqana u tassew sabiħa u li kienet forsi l-ispirazzjoni għal Rużar Briffa, biex fassal fuqha l-Poeżija tiegħu "Ja Madonna tad-Duluri" tagħlaq l-ewwel taqsima ta' "Il-*Ġifen Tork*" b'nota lirika tassew sublimi u għal kollox imbiegħda mill-idea tal-poema erojku, kważi bħala prova oħra li Vassallo ma kien xejn ċar fl-idea tiegħu dwar is-sustanza tal-poema erojku, daqskemm, kif diġà għedna, fl-esperi-

ment ta' l-endekasillabu, billi l-anqas biss ma uża l-*ottava* bħal ma għamlu qablu Tasso u Ariosto, iżda uża s-*sestina* u fit-tmiem ta' l-ewwel taqsima, bidel l-għamla tal-vers u uża l-*ottonarju* flok l-*endekasillabu,* b'riżultat stupend, li wassal għal "Climax" sabiħ u f'waqtu.

It-Tieni Taqsima Vassallo sejħilha *"It-Taqsima u l-Herba"* u hawn niltaqgħu ma' iżjed azzjoni milli rajna fl-ewwel taqsima. L-Ilsiera Maltin stennew il-waqt għal qawmien u mas-sinjal tax-xiħ, b'għajta waħda, ilkoll qabżu fuq l-għadu.

8 Mewt! Mewt! — għajtu l-oħrajn ,u sjuf u skieken
Lill-kefrin ħatfu, xteħtu f'daqqa fuqhom;
Trid ixxebbaħhom f'rasek ħafna rwiefen
li jwaqqgħu, iġarrfu kull fejn Alla jsuqhom:
Iġri, aħbat, agħti, oqtol minn hawn u minn hemm,
U f'daqqa waħda nżebagħ kollox demm.

9 Imbeżżgħa u mriegħda it-Torok kollha insteħtu,
Min miet, min qiegħed imut u barra lsienu;
Trekknu xi wħud, oħrajn il-baħar xteħtu,
Jibki, jidgħi, kulħadd, u jheżżeż snienu:
inqatlu *oħrajn* b'idejhom fid-dagħdigħa
u l-Ġifen tal-Maltin kien qabel siegħa.

U l-Ġifen salpa għall-ħarba lejn art twelidu rebbieħ. Ir-rajjes Xerin, iżda, ma qatax qalbu, u salpa hu ukoll għal warajhom. Kien kollu għal xejn. Għal baħħara bħall-Maltin u għal Ġifen tal-għaġeb bħalma kien dak tas-Sultan, ma seta' qatt ikun li xi ħadd jilħaqhom u bħal ma għajjat Enea x'ħin lemaħ quddiemu l-Italja, hekk ukoll għajjat ix-xiħ x'ħin ra mill-bogħod tfiġġ il-Gżira għażiża tiegħu.

12 Hin bla waqt iżda, jilmħu warajhom ġejja
Hafna xwieni sabiex kieku jaqbduhom,
Xwieni li jfaħħru mill-iżjed ġerrejja,
U b'elf moqdief it-Torok iġerruhom:
Fuq il-kbar nett rajjes Xerin kien qiegħed
iqatta' lħitu u jaħlef ħalf li jriegħed.

22 Malta Malta! ix-xiħ għajjat l-ewwel wieħed
bil-kemm seta' bil-ferħ dil-kelma jħollha;
Kif meta l-qalb minn weġġgħa kbira tkun strieħet
Tnehida ħarġet minn ġo sdirhom kollha
Dil-ferha lil kulħadd kabbret ir-ruħ,
u ħareġ minn għajnejhom l-oħla dmugħ.

25 Ċpar 'il-bgħid safa sewwa u dehret lejhom
il-Belt bi ġmielha u raw id-daħliet tagħha;
Xi dgħajjes tas-sajjieda resqu ħdejhom,
Għajjtu lil waħda, bagħtu ħbarhom magħhom;
Hekk kif kienu jibagħtu din l-aħbar
Semgħu lil San Ġwann iħabbar Nofsinhar.

Ġriet l-aħbar u feraħ il-Gran Mastru u miegħu ferħu l-qraba ta' l-imsejknin u l-poplu kollu bi ħġaru:

32 Waslu u l-qlub inqassmu: l-ulied tara
Ibusu lil missier, li xuxtu bjadet
Missier lil bintu iħaddan, li bi ħrara
Qiegħda tbus lilu; oħra lil żewġha ħadet
tgħannaq u tibki; ix-xiħ għannaq tlett ibniet
Uliedu, bir-rġiel tagħhom u bl-ulied.

33 Minn ħaddan 'l ommu xiħa u beda jbusha
Min 'il ħutu b'uliedhom, u min ħalla
Kien tifla żgħira u lilha sab għarusa;
Min fuq dirgħajh ulied uliedu għolla:
Bews tal-qraba, tal-ħbieb, biki, tnehid
li jikser qlub il-ġebel u l-ħadid.

Ix-xiħ iżda kellu fi ħsiebu bħala l-ewwel ħaġa l-wegħda li kienu għamlu lill-Madonna u għalhekk, fost il-ferħ u l-biki; it-tgħanniq u l-bews, instema' leħnu u fakkar lil sħabu biex l-għada lkoll jinġabru fil-misraħ ħdejn fejn igħidulu "Il-Casa Santa" ħalli flimkien iwettqu wegħdithom.

37 Is-sawma ħobż u ilma; biss ikollu
Kulħadd fi ħżiemu kisra, u bl-isem t'Alla
Nitilqu għall-Mellieħa, u l-wegħda nħollu
Lil Dik, illi mitluba dejjem tqalla
U biex aħjar inħollu l-wegħda tagħna,
Lil-Patri Rosignoli nieħdu magħna.

It-tielet taqsima il-poeta sejħilha: IL-WEGĦDA u fiha insibu mbarra topografija eżatta, mera ta' x'kienu allura missirijietna. Tix-għel qawwija il-fidi li mingħajrha Malta tisboq għera.

Żernaq l-għada u madwar ir-Raheb miġbura, dawk li kien ilsiera,

flimkien ma' qrabathom u ma' ħbiebhom qabdu it-triq lejn il-Mellieħa, mmexxija minn Patri Rosignoli, li mat-triq kollha ma naqasx milli jgħidilhom r-Rużarju u bosta kredijiet. Mill-Furjana għal-Ħal Lija u Birkirkara; min-Naxxar għal San Pawl tat-Tarġa u għal Burmarrad sa fejn Għajn Rażul, ilkoll ikaxkru l-ktajjen u jitolbu sa ma laħqu il-Pwales u ġew sa taħt Selmun.

15 Kulħadd jaqbad għal mixja traku jerġa',
U r-Raheb ma nafx x'talba reġa' bdielhom
Laħqu kienu sa fejn San Pawl tat-Tarġa
U li jistrieħu ftit hawn reġa' swielhom;
Xi tifħir u xi talb lil San Pawl għamlu,
Iżda li jdumu wisq ebda ma ħamlu.

16 Minn hemm u ftit iltaħaq Alla u Ommu,
U twaqqfu lkoll biswit edik in-niċċa
Kulħadd reġa' quddiemha fetaħ fommu
U t-talba ġewwa qalbu mar ifittxha
Wara li kliem mill-għeżeż kien ingħad.
Tal-Wegħda qabdu jimxu Burmarrad.

Il-poeta b'nota lirika u fl-istess ħin deskrittiva imexxina mal-ġemgħa u iġegħelna nħossu ruħna ħaġa waħda magħha. Tħoss nifsek jinqata' f'dik il-mixja qalila u jiksaħ demmek x'ħin f'daqqa waħda til-maħ quddiemek xi serp jew lifgħa lesta biex tħebb għalik. Aħna li nafu l-kampanja ta' llum, niexfa, fqira minn kull ħdura, kollha ġebel u trab, nistgħu nobsru x'kienet f'dak iż-żmien imbiegħed; u waqt ħeġ-ġa reliġjuża bħal dik, fi żminijiet meta l-imħuħ twajba ta' missirijietna kienu jemmnu kollox taħt is-simboliżmi li ttihom, il-Knisja kienet tin-qeda bl-arti, id-dehra ta serp kbir ma setgħetx ma tiġix interpretata bħala dehra ta' għadu li ma jħallix waħda taħrablu.

25 Ħofor, ħotob, tiġrif, blat u ħamrija,
kienet it-telgħa ta' Selmun, żmien ilu;
Lofa' sriep taħt is-sagħtar hemm moħbija,
Beda' kulħadd iġerri bi tfixkilu:
Serp kbir iġġerra, u lilhom ġieb il-bard...
Ir-raheb rifsu, u ħallieh mejjet fl-art.

26 Waqfu tal-wegħda meta dana ġara
Għax Rosignoli kien il-mixja żammha,
U bil-Latin xi kliem imqaddes qara;

Imbagħad leħnu lill-miġemgħa semma' —
U qal — "Ferħana, o Ħuti, qalbi qiegħda ...
Il-Għadu qasam qalbu b'din il-wegħda.

U bħala għeluq sublimi tnejn minn l-isbaħ endekasillabi, jew versi tat-tnax, li jidwu qishom qanpiena fl-aqwa tagħha.

"Irid kieku jfixkilna, iżda għalina
Min jista' qatt, jekk il-Madonna Magħna?"

Il-poeta, bħal ma għamel fl-ewwel taqsima, jerġa' jġibna għar-realtà tal-ħajja fl-episodju taż-żewġ messaġġiera tas-Sultan, li bi ħniena u mħabba għall-meħlusa, u talli rebħu l-Ġifen b'ħilithom, bagħtilhom mitt skud kull wieħed:

31 Foqra lkoll kienu, u f'daqqa bdew ifaħħru
Qalb is-Sultan u jitolbulu saħħa;
Ma' dana kollu il-mixja kienu laħħqu
tat-Telgħa, u 'l ħinn ftit mill-għoqba tagħha
Iltemaħ is-Salib, kibret ir-Ruħ,
Donnu kulħadd bil-ġwienaħ ġie merfugħ.

U sa fl-aħħar waslu, daħlu fil-Knisja, qaddes ir-Raheb, u lkoll rawdew ħajr lill-Mulej u lill-Kbira Ommu għall-ħelsien tagħhom.

37 Radd is-Salib kulħadd u iżża ħajr 'l Alla,
u bdew ifaħħru lkoll iż-żmien warrani,
Meta fil-hemm, fil-biki lilhom ħalla
Raw kif Hu qatt ma jħalli lin-Nisrani
Sas-smewwiet l-isem t'Alla bdew jgħollu,
Tneħħa l-ħadid, u l-wegħda imqaddsa ħallu.

U b'din is-sestina armonjuża mimlija b'dehriet ta' l-imgħoddi u b'tama għal ħajja li ma tintemm qatt, jagħlaq il-poema tiegħu Gian Anton Vassallo, li għalkemm għadda ħajtu f'hemm kbir u f'melankonija li tbażża', kellu mumenti ta' dawl u ta' nebħa li swewlu biex, wara t-taqtigħ ta' qalb li fih għadda ħajtu, jirnexxilu jikseb, bħala kittieb, post xieraq fil-qasam letterarju Malti u l-ġieħ li rawwem b'ħiltu, kittieba oħra bħalu li wasslu t-torċi li xegħlet fi żmienu sa żmienna, biex, kif nittamaw, tibqa' issa mkebbsa għal dejjem, f'ġieħ ilsienna u f'ġieħ Art Twelidna